**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbatax (15)

## It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:00pm (Il-laqgħa fuq l-agenda kienet fl-4:00pm imma kien hemm problemi tekniċi u bdiet fil-5:00pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**15.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ma kien hemm ħadd assenti.

**15.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tal-Erbattax (14) il-laqgħa tat-2 ta' Gunju, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Joseph Vella u Eucharist Camilleri.

**15.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja.

Rural Roads M4.3:- Wara li fl-aħħar laqgħa s-Sindku spega d-dettalji kollha fuq il-varjazzjonijiet issa intbgħat ir-rapport lil Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill irċieva fil-kont bankarju l-ammont ta' 2,000 euro lura li konna għamilna zejda fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-Kunsill issa qed jistenna konferma dwar l-ammont pendent fuq il-ko-finanzjaru fuq dan il-Progett.

Il-Bajja ta' San Blas:- Il-Kunsill irċieva l-ammont ta' madwar 22,000 euro mingħand MGOZ u l-Kunsill ser joħrog l-ammont ta' 5,000 euro. Il-Kunsill ser iħallas lil Kuntrattur.

Il-Kunsill baqalu jirċievi €4,000 fuq Halloween, €15,000 MGOZ tal-Karnival u €11,000 skema tal-Karnival.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda.

Il-Viċi Sindku nnota li fl-aħħar ġranet huwa tkellem mas-Sindku dwar reklamar li isir fuq il-media soċjali tiegħu u s-Sindku nfurmah li ftit mir-reklamar kien qed ikun imħallas mill-Kunsill Lokali, dejjem fejn ikunu ittagjati il-Kunsilliera kollha dwar xogħol tal-Kunsill. L-istess kien qed jiġri fuq il-media soċjali tal-Kunsill pero b'inqas saħħa peress li jsegwuha ferm inqas nies. Pero s-Sindku informa lil Kunsill li ser ikun qed iwaqqaf dan ħesrem u anke se jagħmel rifużjoni lura ta' xi reklamar li sar sabiex ma ikunx hemm problemi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsillier

Joseph Vella talab informazzjoni dwar in-nefqa fuq reklamar fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali u din l-informazzjoni se tintalab.

**13.4.Management Letter 2019 u Administrative Report 2019**

Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-Accountant tal-Kunsill. Wara diskussjoni fit-tul mal-Accountant dawn ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

Is-Segretarja innotat li peress li l-Awdituri ma ġewx fl-uffiċċju tal-Kunsill minħabba l-COVID- 19 il process kien aktar fit-tul u ha aktar ħin imma hi flimkien mal-Accountant tal-Kunsill taw dak kollu mitlub minnhom permess ta' e mails u kuntatt magħhom kontinwu.

**15.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

15.5.1 ***Qtugħ ta' ħaxix*** – Dan sar f'diversi inħawi madwar in-Nadur u saru anke clean ups f'dawn l-areas:-

- Triq ta' Ħida, Il-Wied ta' Bingemma, Il-Qortin ta' Isopu, Il-qtugħ tal-Palm fil-Belvedere DC Cocco Palmeri u indafa, Zbir ta' xi sigar li ħargu għat-triq, Triq FS Sciortino, Triq Ċimcem, Triq Xandriku, Triq il-Knisja, Triq Wied ir-Riħan. L-Ġnien u Playing Field ta' San Blas, Il-Ġnien ta' San Blas, L-Area ta'Kenuna u x-Xagħri, Il-Playing Field tal-Ħali, Triq San Guzepp, Triq il-Vnuta, Triq tad-Duru, Triq il-Uqija, Triq il-Plier, Triq tax-Xini, Trejqet ta' Majza, Triq tal-Ħali, Triq ix-Xemmiex, Triq ta'Caraffa, Triq Bingemma, Triq Dun Gwann Camilleri, Triq San Koronatu, Triq Ħanaq, Triq Għajn Qasab u s-Sigar fl-area ta' Xurdin.

15.5.2 ***Albums tar-ritratti*** – Dawn għadhom ma sarux.

15.5.3 ***Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv*** – Sar xkaffar ġodda u anke tranga l-bieb biex jinfetaħ bil-kontra.

15.5.4 ***Żviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:***

a. Triq l-Mgarr – F'din it-triq inbeda x-xogħol minn naħa tal-MGOZ imma peress li qed isir Triq oħra fil-viċin ix-xogħol fuq Triq l-Mgarr qed ikun wieqaf.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – Triq il-Madonna ta' Fatima fadal biss li jsiru r-railings u ċ-ċint. Rigward Triq ta' Kenuna għadhom jibdew ix-xogħolijiet.

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Rigward dawn it-toroq saret talba formali fuqhom permezz ta' ittra lil MGOZ.

d. Triq ta' Daħlet Qorrot – Il-Kunsill qed jistenna l-istima mingħand il-Perit.

e. Il- BOQs tat-toroq residenzjali fin-Nadur – Is-Sindku ta update rigward dawn it-toroq fejn ingabru stima ta' kull triq.

f. Ħaddiema fis-Siti ta' Attrazzjoni fin-Nadur – Sa issa għad m'hemmx risposta fuq dan.

g. Railings li jinsabu fi Triq ir-Rabat– Rigward dawn il-Kunsill qed jistenna mingħand il-MGOZ.

h. Latrina fil-Bajja ta' San Blas – Is-Sindku talab lil perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta u qed nistennew mingħand il-Perit.

i. Child Care Centre u Dar ta' l-Anzjani – Din għalissa pending minħabba l-COVID-19.

15.5.5 ***Bolovostri fi Triq ir-Rabat-*** Il-Kunsillier Jean Paul ta' update fuq dawn u ser ikun qed jieħu ħsieb fuqhom hu.

15.5.6 ***Ħofra fi Triq ir-Rabat***- Din se ssir.

15.5.7 ***Bins fi Triq Għajn Qasab-*** Dawn għadhom ma twaħlux.

15.5.8 ***Bozza Triq ir-Rabat*** – Din twaħħlet u ġiet mixgħulha.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

15.5.9 ***Bozza Triq Andar*** – Il-Kunsill qed jistenna l-istima ta' din il-bozza.

15.5.10 ***Bins fil-partita ta' San Blas*** – Dawn Twaħħlu.

15.5.11 ***Zebgħa lil Madonna ta' Gnien il-Kunsill***- dan ix-xogħol lest.

15.5.12 **Sement fi Triq Ciccano**- dan lest.

15.5.13 **Patch fi Triq Piju Cellinu**- Din saret.

15.5.14 **L-uniformi tas-sajf tal-Ħaddiema**- Dawn inxtraw.

15.5.15 **Zewġ gutters ġodda fi Triq ta' Xandriku**- Dawn saru ukoll.

15.5.16 ***Pendenti*** – Bozza fi Triq il-Qala, Railings tal-Playing Field ta' San Blas, Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Patching fi Triq Wied ir-Riħan, Ħamrija fil-Ġnien l-Indipendenza, Trab fil-Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini u Bankina fi Triq il-Madonna ta' Lourdes.

15.5.17 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot- Sar wieħed minnhom.
- Il-Bins fi Triq San Gakbu ser naraw jinbidlux.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx u Ċint biex inżiedu xi ġebel.

15.5.18 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Il-Bozza ta' Triq il-Knisja qed naraw fuqha jekk xelitx.
- Disabled Parking fi Triq San Blas- Qed naraw fuqu.
- Rigward ic-CCTV ta' quddiem skola qed naħdmu ma' Green Pak biex taħdem imma għadna bla risposta.

15.5.19 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Ħajt fi Triq il-Qortin- sar parti minnu.

- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

15.5.20 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Il-yellow lines fil-Pjazza San Pietru u San Pawl gew applikati.
- Rigward is-sistema tal-Panelli qed nistennew risposta mingħand l-Inġinier u l-Enemalta.
- Sement taħt bankina fi Triq tad-Duru- dan ix-xogħol sar.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

15.5.21 ***Żviluppi dwar dwar is-sadid li hemm fil-Gym Equipment fil-Belvedere DC Cocco Palmeri***
Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Perit tal-Kunsill reggħa mar it-tieni darba u issa ikkonferma li sar ix-xogħol u jista jsir il-pagament. Kien hemm qbil li issa jinħareg l-aħħar pagament pendenti. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li kienet qed tirċievi telefonati kontinwament mingħand il-Kuntrattur OPAL Ltd biex jitħallas kemm meta l-flus ma kienux għadhom għand il-Kunsill u s-segretarja gibditlu l-attenzjoni li l-ewwel jridu jidħlu mingħand id-DPF funds tal-Planning Authority u anke meta l-Kunsill irċieva l-flus u kien imbgħad inħareg is-sadid xorta baqa jinsisti fuq il-flus. Is-Segretarja innotat li kien anke icempel il-terzi persuni mill-Awtroita' tal-Ippjanar għax ma kienx jemmen li l-flus għadhom ma daħħlux lil Kunsill. Is-Segretaja innotat li hi kienet għamlitha ċara mill bidu nett mal-Kuntrattur li l-ewwel l-Kunsill jirċievi l-fondi imbgħad jitħallas peress li l-Kunsill ma kellux flus allokati għal dan il-progett mill-Allokazzjoni tal-Gvern. Il-Kunsill Lokali qabel li meta tigi offerta simili ghandna naraw li kumpaniji bhal dawn ma jigux trattati daqs ohrajn.

**15.6. Offerti Pubbliċi;**

L-Offerta ta' l-iskart Ġoff- Is-Sindku innota li dan id-dokument kemm napprovawh u jinħareg daqt fil-gazzetta tal-Gvern.

## 15.7. Korrispondenza

| | |
|---|---|
| 6634 | Ittra mingħand Armar Pjazza San Pietru u San Pawl dwar fjakkoli fil-Pjazza San Pietru u San Pawl |
| 6635 | Ittra minghand Nadur Youngsters Football Club dwar Summer Feast |
| 6636 | LC Care project Grant Support Scheme- dwar annimali |
| 6637 | Cir AKL 2020/76- Visit Malta Now Celebrations |
| 6638 | Cir AKL 2020/077 Artiklu fuq il-gurnal - Il-Hidma tal-Kunsilli Lokali matul il-Covid 19 |
| 6639 | PQ 15624- Accessibilita lill-persuni b'dizabilita' |
| 6640 | PQ15638- Applikazzjonijiet għal speed cameras |
| 6641 | Cir AKL 2020/073 Street naming - Tabelli |
| 6642 | Ittra ta' ringrazzjamnet minghand Arc. |
| 6645 | Ittra minghand DLG dwar il-Monti tan-Nadur |
| 6646 | Direttiva 3/2020- Revoka tad-direttiva 2/2020 |
| 6647 | PQ 15398- Kunsilli Loklai - skemi |
| 6648 | Kjarifika dwar Cirkulari 1/2020- gheluq sena finanzjara 2019 |
| 6649 | Ittra minghand DR Mario Saliba dwar gieh in-Nadur 2020 |
| 6650 | Cirk AKL 2020/066 Spazju fil-Kunsilli lokali offrut għall-istudenti tal-ligi |
| 6651 | Cirk AKL 2020/067 Hu sehem fi stharrig qasir dear l-impatt tal-Covid -19 |
| 6652 | Cirk AKL 2020/039- Binjiet mixghula homor |
| 6653 | Cirk AKL 2020/063 Gbir ta' skart riciklabbli |

***Rimarki mis-Sindku:*** Is-Sindku irrimarka li l-kerbside truck ser ikun fl-area tal-Ħali fis 16 ta’ Lulju u fit-23 ta’ lulju ħdejn iċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill kiteb ittra lil Malta Post Plc rigward il-letter box l-antika li hem fi Triq San Blas biex jekk hemm bzonn li titħarek il-Kunsill jidentifika post lilhom. Rigward l-kaz tar-registrazzjoni tal-artijiet fin-Nadur ir-Reġjun għal Għawdex bgħat ittra lil Prim Ministru. Il-Kunsill qabel li għandu jerggħa jagħmel reminders. Il-Kunsillier Joseph Vella innota li ser jidħlu xi tip ta’ *cautions* mingħand ir-residenti. Il-Kunsill tan-Nadur għamel Delega fuq il-ġbir ta’ l-iskart riċiklabbli lir-regjun għal Għawdex biex ikun hemm proposta li jinġabar l-iskart riċiklaġġ mir-Regjun wara li jinstab mekkanizlu legali u finanzjaru li ma jkun hem l-ebda piz fuq il-Kunsill.

Rigward Ċirk. AKL 2020/066- Spazju għal student tal-ligi fil-Kunsill, kien hemm qbil li dawn jiġu jagħmlu l-ezamijiet fis-sala tal-kunsill. Is-Sindku innota li ser ikun hemm laqgħa is-Sibt għas-sindki minħabba DPF li ser ikun qed jattendi. Il-Kunsill informa lil DLG li fir-rigward tas-servizz tal-

Internet għandna bzonnu minħabba il-live streaming tal-laqgħat. Kien hemm talba mingħand l-Għaqda Armar tal-Pjazza San Pietru u San Pawl għal għal ħlas fuq servizzi tal-arbli u l-fjakkoli. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas bl-ammont ta' 150euro, Il-Viċi Sindku astjena minħabba kunflitt ta' interess.

Fuq l-ittra kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali għal attivita Summer Fest li tiġi organizzata minn Nadur Youngsters il-Kunsill qabel li iħallas l-enforcement officers ta' TM bl-ammont ta' madwar 1,700euro.

Id-DLG qiegħed b'kuntatt mal-Kunsill tan-Nadur fir-rigward tal-Open street Market peress li qed jgħin biex jinħargu l-permessi meħtiega fil-futur.

Il-gabra tal-ħgieg ser tkun l-ewwel Gimgħa tax-xahar minflokk l-ewwel Ħamis minn Awissu. Il-ħaddiema tal-CWS- Silvana Xuereb ser tkun tqassam din l-informazzjoni kif ukoll l-applikazzjoni ta' Gieħ in-Nadur bieb bieb.

**15.8 Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**15.8.1 Urban Greening** – Sar part payment ta' 90% fuq ix-xogħol u kif jiġi certifikat il-kumplament jitħallas kollox.

**15.8.2 Live Streaming** - Is-Sistema hija lesta.

**15.8.3 Triq ir-Ramla l-Qadima** – Ser jinbeda daqt ix-xogħol fuq din it-triq.

**15.8.4 Triq Daħlet Qorrot** – Il-Ħajt waqa u qed nistennew intervent mingħand il-MGOZ**.**

**15.8.5 Maintenance tad-Dawl:**

- **Ta' Kenuna** – hawnhekk jonqos biss li jinbidlu xi cables li spiċċaw tal-floodlights, isiru labels tad-distribution box, jitranga l-ilma tal-flow għal pond iz-zgħira u jiġi id-dawl tal-pont bil-kuluri.
- **Ġnien u Playing Field San Blas** – Ser isir xogħol fuq wiring u main.
- **Pjazza San Pietru u San Pawl** – Sar xogħol biex issa inxtegħlu l-brazzi ta' ħdejn iċ-Ċentru. Jonqos ix-xogħol biex nixgħelu l-lapida, jinbiddel il-ħadid ta' taħt il-globi li issa ser isiru

aluminium, jitranga id-di8.6stribution tas-shelter, jinbiddlu DBs tal-brazzi, jitneħħa ħafna gonot tal-wires fil-brazzi u nirrangaw il-main.

- **Playing Field tal-Ħali** – Għadna ma' mexxejniex għal supply tad-dawl.
- **San Blas**- Il-metre tad-dawl ġie fuq il-Kunsill, fadal biss il-label tad-distribution box. Ingħalaq il-main ukoll bil-bieba tal-injam.
- **Latrina Daħlet Qorrot**- Qed naraw kif ser nirrangaw is-sistema biex taħdem aħjar. Jidher li ser ikollna nibdlu il-batteries, nagħmlu bozoz ta' barra bi switch u ta' gew bis-sensor.
- **Salib fi Triq ir-Rabat**- Il-Kunsill għadu jrid jagħmel id-dawl.
- **Il-monument ta' l-iskola**- Il-Kunsill għadu jrid jagħmel id-dawl.
- **Il-Portiku tal-Knisja** – Il-Kunsill għadu jrid jagħmel id-dawl.

**15.8.6 Maintenance Generali:-**

- **Il-Ġnien tal-Kunsill** – sar maintenance fuq il-bandla għax kellha ħafna sadid.
- **Il-Gazebos ta' Ġnien il-Kunsill**- tkompla x-xogħol fuqhom u qed isir bank kuljum f'kull triq.
- **Il-Gazebos ta' Ġnien il-Kunsill**- Dawn huma lesti.
- **Il-Kamra tal-Bejt tal-Kunsill**- Sar il-brix u zebgħa u xogħol huwa lest.
- **Iz-zurzieqa ta' San Blas**- Din lesta miz-zebgħa.
- **Railings Ġnien il-Kunsill**- ser nibdew biz-zebgħa daqt fuqhom.
- **Cameras fil-Ġnien il-Kunsill**- Qed naraw x'inhi l-aħjar option għat-trinka u wiring qabel mmexxu.
- **Bicycle Rack** – Din ġiet ordnata għal-Pjazza San Pietru u San Pawl.
- **Partita ta' San Blas** – Sar compound mas-saqaf, it-tikħil u z-zebgħa, u injam ġdid. Issa ser isir il-pest control u ramel ġdid.
- **Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Il-Monument tal-FECC u ir-railing; Il-Fossa ta' Ġnien il-Kunsill u l-Bus shelter tal-Pjazza.

- **DPF Funding** – il-Kunsill għandu madwar 208,000 euro u għad jizdiedu. Is-Sindku talab biex jisma ideat mingħand il-Kunsilliera sabiex jibda ifassal ftit għas sena 2021 jekk għandnix nuzawx bicca minnhom. Kien hemm ħafna ideat li ser jerggħu jiġu diskussi il quddiem. Fosthom kien hemm dawn:- belvedere Triq Duru, belvedere Triq Ramla, titranga bankina pjazzetta mis-Sindku; biex isir Fontana ġo nofs il-Pjazza idea tal-Kunsillier Joseph Vella, rampa tal-persuni b'dizabilita' fil-bajja Daħlet Qorrot u sigar taz-zebbug ideat tal-Kunsillier Jean Paul Portelli. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri bl-idea tal-Murial fl-entratura ta' Xhajma u l-embellishement tas-shelter.
- **Toroq BOQs**: Sa issa waslulna Il-BOQs ta' dawn it-toroq:-
  - Triq Għajn Berta
  - Shooting Range area
  - Triq San Blas fuq Irdum
  - Triq ta' Vnuta
  - Triq ir-Ramla il-Qadima sa ta' Xurdin
  - Il-Parti ta' Daħlet Qorrot
  - Ta' Sopu għal Wied
  - Il-Parti ta' Triq il- Buskett
  - Triq Wied ir-Riħan
  - Triq San Guzepp
  - Triq ix-Xagħra ta' Barbra
  - Triq Ħanaq
  - Triq San Koronatu
  - Triq l-Emigranti

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul u ser jaraw liema toroq ser jitressqu għal talba lil MGOZ.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- **Pjanċi tal-pjanti ta' Ġnien ta' Kenuna**- ser isiru pjanċi ġodda flimkien ma' Eco Gozo u Richard Grech li qed jsegwi l-process.

**15.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**15.9.1 Attivita' librerija:** Din l-attivita' qed tiġi posposta.

**15.9.2 Ħbiberija ma' Ħad Dingli:** Din l-attivita' qed tiġi posposta.

**15.8.3 Charter tal-Librerija:** Qed jgħinu mic-Ċharter biex napplikaw għal Fondi.

**15.8.4 Safra Cicciano:** Bdew deħlin xi flus tal-easyjet.

**15.8.5. Attivitajiet oħra**- Ġie deċiz li ma jsir xejn bhalissa minħabba il-Covod-19.

**15.8.6- Halloween u Nadur 8K**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jibda jaħdem fuq dawn l-attivitajiet dejjem skond kif jisvolgu l-affarijiet minħabba is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

**15.10 Ġieħ in-Nadur**

Ser toħrog is-sejħa lil Pubbliku. Il-Kunsill irċieva e-mail mingħand it-Tabib Mario Saliba biex nikkunsidraw lil Dun Raymond Portelli kif ukoll lil Guzi Muscat. In-Nies semmewlna persuni oħra imma ser inħallu f'idejn il-Pubbliku biex jinnomina.

**15.11. Impjegat Full-timer Supervisor;**

Il-Kunsilliera prezenti qablu li hemm bzonn ta' Impjegat full-timer bhala Supervisor bi skala 16 u l-Kunsill għandu fondi biex jagħmel tajjeb għas-salarju addiżżjonali b'mod indefinit, mill-allokazzjoni finanzjarja.

**15.12. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**15.12.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba biex titranga r-rampa tas-sorijiet- Kien hemm qbil.
- Talba għal sement that bankina fi triq Xandriku. Kien hemm qbil.
- Talba għal rampa bis sement fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.
- Talba għal rampa bis-sement fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement fi sqaq fi Triq ta'Majza. Il-Kunsill ser jara sew fuq dan.
- Talba għal yellow lines 1.5m fi Triq il-Qala. Kien hemm qbil.
- Talba għal Yellow line faċċata Garage Triq Bernard Haber
- Talba għal Sement fi sqaq Triq San Blas. Kien hemm qbil.
- Talba għal Sement taht bankina fi Triq Tigrija. Kien hemm qbil.
- Talba għal bini ta' ħajt li qed jaqa fi Triq Vnuta bix naraw kif nistghu nirrangaw. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga l-madum tal bankina fi Triq San Gakbu. Kien hemm qbil.
- Talba għal Sement fil-bajja ta' San Blas ħdejn it-triq. Kien hemm qbil.
- Talba għal bozza Triq id- Duru. Kien hemm qbil.

**15.12.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba għal patching fi Triq San Koronatu u Triq Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.
- Talba biex jitranga it-tarag ta' għar ta' xfar. Kien hemm qbil.
- Talba biex jinqata haxix fl-area Inzul il-Franċizi. Kien hemm qbil fuq dan.

**15.12.3 Rikjesti mill-Kunsillier Joseph Vella:**

- Talba biex jerggħa jsir cement fi Triq San Koronatu. Kien hemm qbil.
- Talba biex jinxtraw bins għal latrini. Kien hemm qbil.
- Talba biex nerggħu naraw rigward Triq il-Buskett hux privata jew le. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

**15.12.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

- Talba biex jinzabbru sigar fi Triq Xandriku. Kien hemm qbil.
- Talba biex jsir kors flimkien mal-Għaqda tal-Presepji. Kien hemm qbil li jagħmlu kuntatti huma imbgħad il-Kunsill jgħin.
- Talba biex isir re-painting tal- loading and unloading bay fi Triq ta' Said u l-Pjazzetta. Kien hemm qbil.
- Talba biex jerggħa jitwahhal il-festun fil-Pjazza u Triq Diċembru 13th. Kien hemm qbil.

**15.12.5 Rikjesti mill-Kunsillier Josef Camilleri:**

- Talba għal sement fi Triq ta' Vnuta Daħlet ta' Guzaman. Il-Kunsillier ser jibgħat ir-ritratti.

**15.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 4 t'Awissu, 2020 fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva